MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 13/2002/1

**Paolo Borg**

**vs**

**Salvu Spiteri u b'digriet tas-6 ta' Frar 2001, Tanya Falletta assumiet l-atti tal-kawza flimkien ma' l-attur**

**[recte: Paolo Borg u b'digriet tas-6 ta' Frar 2001, Tanya Falletta assumiet l-atti tal-kawza flimkien ma' l-attur missierha**

**vs**

**Salvu Spiteri]**

**Il-Qorti:**

B'rikorsipprezentat fis-7 ta' Jannar, 2002 Salvu Spiteri talab li, sakemm jispiccaw il-proceduri ta' ritrattazzjoni u dawk konsegwenzjali istitwiti minnu wara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta tat-30 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru 667/87), din il-Qorti joghgobha tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija.

In sostenn tat-talba tieghu r-rikorrent qed jissottometti li huwa "*isofri pregudizzju gravi jekk is-sentenza tigi esegwita ghaliex jekk isir (sic) id-divizjoni ordnata mill-Qorti, tkun giet diviza proprjeta` li parti minnha kienet gia akkwistata minn Tanya Falletta fil-mori tal-kawza liema proprjeta` hija kompriza fil-qasma ordnata mill-Qorti u jigi lill-partijiet tigi assenjata parti minn proprjeta` komuni li ma jkollhomx titolu legali fuqha.*"
"*Illi min naha l-ohra l-attur ma ghandu ebda pregudizzju ghaliex il-pretenzjoni tieghu u talba ghad divizjoni tal-proprjeta` komuni ordnata mill-Qorti ssir skond il-porzjonijiet realment posseduti mit-tliet kontendenti u mhux mill-attur u l-esponent f'porzjonijiet indaqs bejniethom.*"

Illi flimkien mar-rikors l-istess rikorrent ta' garanzija ghal finijiet tal-Artikoli 823(2)(a) u 266(10) tal-Kap 12; liema garanzija gie stabbilita mir-Registratur tal-Qorti fis-somma ta' LM410.50.

B'risposta ghat-talba tal-konvenut ritrattand, Paolo Borg u Tanya Falletta isottomettew:-
1) Illi l-garanziji offerti mir-ritrattand ma humiex idonei u skond il-ligi.

2) Tenut rigward tac-cirkostanzi tal-kaz ‘de quo agitur’ ir-ritrattand ghandu jigi mgieghel jaghmel depozitu sostanzjali in kawtela ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

B’sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, moghtija fit-30 ta’ Ottubru, 2001, gie michud l-appell interpost mill-konvenut Salvu Spiteri mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta’ Novembru, 1998 fil-proceduri fl-ismijiet “Paolo Borg vs Salvu Spiteri”, citaz. nru. 667/87NA. In prim istanza l-Qorti kienet laqghet it-talbiet attrici u:
(1) awtorizzat u ordnat id-divizjoni tal-korp mill-klawsura fil-limiti ta’ San Giljan fil-kwoti kif indikati mill-istess Periti a Fol 109, 110 u 111 tar-relazzjoni taghhom biex b’hekk jigu assenjati lill-attur u lill-konvenut il-fondi hemm deskritti u bil-mod kif deskritti u bl-ekwiparazzjoni minnhom indikata, liema divizjoni ghandha issir skond il-pjanta maghmula mill-Perit Tekniku esibita fil-process a Fol 112, 113, 114 u 115 (Dok MR);
(2) innominat lin-Nutar Dottor Joseph Darmanin biex jippubblika l-att opportun tad-divizjoni bejn il-partijiet kif fuq indikat u lill-Avukat Dr Veronica Aquilina bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-eventwali kontumacja tal-konvenut.
Finalment dwar il-kap tal-ispejjez il-Prim Awla osservat li “Stante in-natura fattwali u legali tal-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes ta’ din il-kawza, kif ukoll dawk tan-Nutar u kuratrici fuq indikata ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.”

It-talba ghar-ritrattazzjoni maghmula minn Spiteri hija bazata fuq l-provedimenti tal-paragrafi (e), (i) u (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

**Ikkunsidrat:**

It-talba odjerna hija basata fuq l-Artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fis-sub-inciz (1) ta’ dan l-Artikolu insibu qabel xejn enuncjat l-principju generali li “*It-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza*

*attakkata.*" Izda s-sub-inciz (2) tal-istess Artikolu jikkontempla eccezzjoni ghal din ir-regola billi jghid:

"*(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell u b'citazzjoni quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, tal-parti li taghmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk:-*

*(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartikolu (10) ta' l-Artikolu 266; u*

(b) *jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.*"

Ghalhekk sabiex talba simili tigi milqugha jridu jigu sodisfatti zewg kundizzjonijiet u cioe` li tinghata garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza ritrattata, u li l-qorti tigi sodisfatta bil-htiega ta' tali sospensjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar garanzija**

Is-sub-artikolu 10 tal-Artikolu 266 tal-Kap 12 jiddisponi illi "*Meta sentenza tkun giet dikjarata esegwibbli provvizorjament skond dan l-artikolu, l-esekuzzjoni taghha ghandha tittwaqqaf jekk il-parti interessata taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza malli tghaddi b'gudikat, maghduda, meta l-haga tirriferixxi ghall-hlas ta' flejjes, garanzija ghall-hlas ta' mghax, u meta l-haga tirriferixxi ghal hwejjeg ohra, garanzija biex taghmel tajjeb ghal kull hsara li tista' tigi kagunata lilha minhabba t-traskuragni jew htija taghha u biex trodd kull frottijiet li jistghu jittiehdu minnha.*"

Jirrizulta li r-rikorrent iddeposita s-somma ta' LM410.50 in sodisfazzjon tal-garanzija li jitlob l-artikolu fuq imsemmi, biss l-intimati jsostnu li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz ir-ritrattand ghandu jigi mgieghel jaghmel depozitu

sostanzjali in kawtela ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza. Din il-Qorti izda ma hijiex tal-istess fehma. Infatti l-ligi trid li l-garanzija tkun tali li meta s-sentenza ritrattata tkun tirriferixxi ghall-hlas ta' flejjes, dik il-garanzija tkun tkopri l-hlas ta' l-imghaxijiet, u, meta l-haga tirriferixxi ghal hwejjeg ohra, dik il-garanzija trid tkun tali biex taghmel tajjeb ukoll ghal kull hsara li tista' tigi kkagunata lilha minhabba traskuragini jew htija u biex trodd kull frottijiet li jistghu jittiehdu minnha. Issa fil-kaz in ezami l-mertu tal-kawza ritrattata jikkoncerna divizjoni ta' proprjeta' immobiljari mizmuma in komun bejn r-rikorrent u l-intimat. Ghalhekk proprjament l-intimat ma jistax la jbati telf ta' imghax, u lanqas xi danni kif tirrikjedi l-ligi. Jigi osservat inoltre li l-ammont depozitat huwa tali li jissodisfa l-ispejjez tal-kontro-parti fil-proceduri ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-garanzija moghtija bid-depozitu fuq imsemmi tissodisfa l-vot tal-ligi.

**Dwar il-htiega tas-sospensjoni.**

Sabiex tigi milqugha din it-talba l-qorti trid, inoltre, tkun sodisfatta li l-esekuzzjoni tas-sentenza ritrattata aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja. Dwar dan il-kontro-parti ma esprimiet ebda hsieb.

Kif rajna aktar 'l fuq il-mertu tal-kawza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha, jikkoncerna qasma ta' proprjeta` mizmuma in komun bejn il-kontendenti. Gara pero` li fil-mori tal-proceduri quddiem l-Qorti tal-Appell, iddahlet persuna ohra fil-kawza billi parti mill-proprjeta` in divizjoni kienet giet trasferita` lilha mill-intimat odjern. B'dana kollu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell filwaqt li cahdet l-appell tar-rikorrent odjern, ikkonfermat is-sentenza appellata meta f'dik is-sentenza ta' l-ewwel grad, it-terza persuna fuq imsemmija ma kienetx parti in kawza. Inoltre s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma tat ebda effett ghac-cirkostanzi godda li kienu jirrizultaw mit-trasferiment ta' parti mill-proprjeta` lil din it-terza persuna. Dan huwa proprju l-aggravju tar-rikorrent, ritrattand f'dawk il-proceduri ta' ritrattazzjoni, billi qed isostni li l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-prim' istanza konfermata fl-appell, ser iggib "*konfuzjoni*

*fattwali u legali bejn il-partijiet billi proprjeta` indiviza in divizjoni bhal dik akkwistata minn Tanya Falletta ma setax tithalla barra mil qasma kif issucceda bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell*".

Illi fic-cirkostanzi din l-Qorti, minghajr ma taghmel ebda riflessjonijiet fuq l-mertu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni, hija sodisfatta li jkun xieraq li, pendenti l-proceduri ta' ritrattazzjoni, l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-30 ta' Ottubru, 2001 tigi sospiza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent maghmula fir-rikors pprezentat fis-7 ta' Jannar 2002 u b'hekk tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2001.

L-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------